**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**A10-0012/2024**

22.10.2024

*

# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud
(COM(2024)0278 – C10-0083/2024 – 2024/0152(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Aurore Lalucq

(Proċedura simplifikata – Artikolu 52(1) tar-Regoli ta' Proċedura)



*Magħquda fid-diversità*

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........6

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........8

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........9

## ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2024)0278 – C10-0083/2024 – 2024/0152(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2024)0278),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0083/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 84 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0012/2024),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tindirizza l-emenda tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud. Għandha l-għan li tissostitwixxi l-verżjoni fuq karta taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT u/jew mid-Dazju tas-Sisa bl-introduzzjoni ta' ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni li jikkonferma li tranżazzjoni tikkwalifika għal eżenzjoni speċifika skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 151(1) ta' dik id-Direttiva.

It-tranżazzjonijiet koperti mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 151(1) huma:

i. il-provvista ta' merkanzija jew servizzi skont arranġamenti diplomatiċi u konsulari;

ii. il-provvista ta' merkanzija jew servizzi lil korpi internazzjonali rikonoxxuti bħala tali mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Membru ospitanti, u lill-membri ta' tali korpi, fil-limiti u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-konvenzjonijiet internazzjonali li jistabbilixxu l-korpi jew bi ftehim tal-kwartieri ġenerali;

iii. il-provvista ta' merkanzija jew servizzi fi Stat Membru li hu parti għat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, intiż għall-użu tal-forzi armati tal-Istati l-oħrajn li huma partijiet għal dak it-Trattat għall-użu ta' dawk il-forzi, jew tal-impjegati ċivili li jakkumpanjawhom, jew għall-provvista tal-mensi jew tal-kantins tagħhom meta dawn il-forzi jieħdu parti fl-isforz tad-difiża komuni;

iv. il-provvista ta' merkanzija jew servizzi lil Stat Membru ieħor, maħsuba għall-forzi armati ta' kwalunkwe Stat Membru li huwa parti għat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, barra l-Istat Membru tal-wasla nnifsu, biex jintużaw minn dawk il-forzi, jew mill-impjegati ċivili li jakkumpanjawhom, jew għall-provvista tal-mensi jew tal-kantins tagħhom meta dawn il-forzi jieħdu sehem fl-isforz tad-difiża komuni;

v. il-provvista ta' merkanzija jew servizzi lill-forzi armati tar-Renju Unit stazzjonati fil-gżira ta' Ċipru skont it-Trattat tal-Istabbiliment rigward ir-Repubblika ta' Ċipru, bid-data tas-16 ta' Awwissu 1960, li huma għall-użu ta' dawk il-forzi, jew tal-impjegati ċivili li jakkumpanjawhom, jew għall-provvista tal-mensi jew il-kantins tagħhom.

Skont il-Kummissjoni, in-natura teknika ħafna ta' din l-inizjattiva u l-allinjament tagħha mal-isforzi fil-livell tal-UE biex jiġu promossi l-interazzjonijiet diġitali mas-settur pubbliku jiġġustifikaw la ma jsiru l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Il-konverżjoni elettronika proposta tal-proċedura ta' eżenzjoni mill-VAT tappoġġa l-adattament għall-era diġitali u ssaħħaħ id-drittijiet taċ-ċittadini fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom.

Il-proposta se tneħħi l-piż amministrattiv u l-kostijiet assoċjati mal-ipproċessar tal-verżjoni fuq karta taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mill-VAT. Il-kostijiet tal-implimentazzjoni se jiġu koperti mill-programm FISCALIS fil-pakkett finanzjarju tagħha previst fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali. Il-kostijiet għall-Istati Membri mistennija jkunu ftit u fil-biċċa l-kbira se jkunu relatati mal-għoti tal-aċċess għall-applikazzjoni ċentrali.

Iċ-ċertifikat elettroniku l-ġdid mhux se jaffettwa l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet mill-VAT applikati. Għalhekk mhu se jkun hemm l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE peress li r-riżorsi proprji bbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) mhux se jiġu affettwati.

Il-proposta ssaħħaħ il-miżuri kontra l-abbuż billi tistipula li jekk il-kondizzjonijiet tal-eżenzjoni deskritti fil-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux japplikaw, il-korp eleġibbli jew l-individwu li ħareġ u ffirma ċ-ċertifikat ikun responsabbli biex iħallas il-VAT lill-Istat Membru rilevanti. F'tali każijiet eċċezzjonali, l-Istati Membri huma mħeġġa jippermettu l-ħlas tal-VAT mingħajr ma jirrikjedu reġistrazzjoni sħiħa tal-VAT.

Ir-rapporteur tirrikonoxxi n-natura teknika ħafna ta' din l-inizjattiva, il-kontenut mhux kontroversjali tagħha, u l-ħtieġa li jittejbu l-interazzjonijiet diġitali mas-settur pubbliku, u għalhekk tappoġġa bis-sħiħ l-objettivi tad-direttiva.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud |
| **Referenzi** | COM(2024)0278 – C10-0083/2024 – 2024/0152(CNS) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 15.7.2024 |
| **Kumitat(i) responsabbli** | ECON |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Aurore Lalucq<br>12.9.2024 |
| **Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni** | 14.10.2024 |
| **Eżami fil-kumitat** | 14.10.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 14.10.2024 |
| **Data tat-tressiq** | 22.10.2024 |